# Hekk Kien Miktub

*Ta'* A. Cremona

*(Jaqbad mal-għadd ta' Marzu, 1945)*

Dak il-lejl stess qabel ma sebaħ, nies il-mejjet saru jafu illi ġid Feliċ kien jinsab imsakkar f'dak is-senduq. Dionk, għalhekk, in-nisa sejħu lil nieshom; Manan̄ni lil żewġha Majsi, lil bintha Wenza u lil binha Pinu, li dik il-lejla ngabar kmieni u ħalla x-xogħol ta' xi ġarr bit-*truck* mill-ajrudromi ta' Ħall Luqa f'idejn ieħor minn sħabu; Doior, mill-banda l-oħra, sejħet lil bintha Żeżina, li kienet titkellem wara l-bieb mal-għarus tagħha, li mal-li sema' bil-mewt taz-ziju tal-għarusa, hekk kif sarlu l-ħin li jiż-monta mis-servizz ta' suldat fl-Imtarfa għal xi sagħtejn, kien niżel jiġri jsib l-għarusa u jieħu l-aħbarijiet minn għandha. Ftieh-mu li huma n-nisa jitkellmu ma' Tona u l-irġiel mal-Prokuratur biex bħala nies fil-qrib tal-mejjet ikunu jafu bħal ħaddieħor il-ġid li dana ħalla. Sadattant mhux ħlief tarahom telgħin u neżlin dak il-ħajt ta' taraġ dejjaq u jittawlu lis-senduq.

Kien għoddha saret is-siegħa; dak il-lejl is-sirena kienet għadha ma semmgħetx leħinha, u milli kien jidher, ma kienx biħsiebha ssemmgħu biex tikser in-nagħsa tan-nies u ġġagħlhom iqumu biex idabbru rashom. Iżda ma laħqitx għaddiet ħmistax-il-minuta fuq is-siegħa x'ħin fil-ħemda ta' qiegħ il-lejl instemgħet f'daqqa waħda ċċarrat l-ajru t-tnewwiħa tagħha...... u lanqas ma laħqet tkaxkar l-aħħar għajtiet tagħha meta f'daqqa waħda, mal-**ġiri ta' nies għaddejjin instama'** ż-żanżin irqiq ta' ajruplani u l-isparar tal-kanuni mill-art għal fuqu; u iktar ma joqrob il-ħoss taż-żanżin ta' l-ajruplan, iktar ukoll jiżdied l-isparar, bla ma jaqta', tal-kanuni mill-batteriji ta' Binġemma, tal-Beżbiżija, Tal-Ħlas u tal-Madliena.

Ħin bla waqt instemgħet bħal tisfira fl-ajru fil-qrib, u wara ftit, tfaqqigħa ta' bomba li riegħdet l-art u l-ħitan tad-dar tal-mejjet Feliċ, ħsejjes ta' ħġieġ jitkisser, u mewġa qawwija ta' riħ li fetħet it-twieqi beraħ u tfiet id-dawl tal-lampa tal-kamra fejn kienu qegħdin xi qraba tal-mejjet, fosthom Rożina u Wenza.

—"X'waħda din!"—u ma' din l-għajta li ħarġet minn fomm in-nisa kulħadd qam minn fejn kien. L-irġiel, li x'uħud kienu fejn il-mejjet u l-oħrajn fil-kamra tas-senduq, fittxew xi toqba minn fejn joħorġu bid-dawl tal-lampa tnemnem quddiem

il-kwadru tad-Duluri li kien fil-kamra tal-mejjet; sejħu lin-nisa tagħhom u ħarġu jiġru mid-dar għal barra t-triq: kulħadd imwerwer jiġri għal bokka tax-xelter tal-kantuniera tat-triq imbażża' li sa jaqa' l-bini fuqu.

Majsi u ibnu Pinu, wara li ħarġu ma' l-oħrajn, intebħu li l-bieb tad-dar baqa' miftuħ u għalhekk ma ssabrux jinżlu isfel fix-xelter u qagħdu għassa ma' dahar il-bokka, u 'l hawn u 'l hinn imiddu xi pass bis-serqa biex jittawlu u jgħassu l-bieb ta' barra mill-bogħod.

Il-mejjet baqa' waħdu mwennes biss mid-dawl tal-lampa tnemnem quddiem il-kwadru tal-Madonna sakemm mas-sebħ daqqet is-sirena u ħabbret li l-għadu telaq, u n-nies reġgħet telgħet mix-xelter u d-dar tal-mejjet reġgħet imtliet b'dawk kollha li qabel kienu madwaru. Min jogħnos, min jittewweb, min mixħut fuq sorra ħwejjeġ u min fuq kanapè; oħrajn, fosthom Dolor u Mananni u żewġha u Mastru Salv, għalkemm għajjenin, deħlin u ħerġin jittawlu lis-senduq; kulħadd jistenna l-ħin li l-katavru jinġarr għad-difna.

L-għada fil-għaxija, wara d-difna ta' Feliċ, inġabru nies il-mejjet u ftiehmu li ċ-ċavetta tas-senduq tinżamm għand Mastru Salv, li kif intqal kien l-esekutur tat-testment, sakemm issir il-qasma ta' ġid il-mejjet; iżda ħadd ma fada 'l xulxin. Tona ma' bintha Ċettina baqgħet imsammra ġewwa d-dar u Dolor u oħtha Mananni baqgħu madwar is-senduq bil-qiegħda għassa tiegħu, fil-waqt li l-irġiel, żewġ Ċettina, bint Tona, Majsi, żewġ Mananni u ibnu Pinu, malli sebaħ telqu bil-Bus u niżlu l-Belt għal għand in-Nutar Xriha, u bil-mistoqsija irnexxielhom isibu l-bieb ta' l-uffiċċju tiegħu, iżda dan kien għadu ma wasalx mir-raħal fejn kien mar igħammar ma' tul il-gwerra. Ma damux jistennew. Wara nofs siegħa, kollha kemm huma t-tlieta flimkien ma' Mastru Salv, li laħaq ftit warajhom, kienu bil-qiegħda madwar il-mejda tan-Nutar Xriha, li fetaħ ktieb u qralhom bil-Malti t-testment tal-mejjet Feliċ, li kien għamel xi sena qabel u minnu ma kien biddel xejn.

Fit-testment Feliċ kien ħalla bħala esekutur tat-testment lil ħabibu, Mastru Salv Buttigieg, imlaqqam in-Nemes, li kien fratell bħalu fil-Fratellanza ta' San Ġużepp, u Prokuratur tal-Kaxxa ta' l-Erwieħ — bniedem li ma jafda l-ħadd fejn imiss l-interess tal-fratellanza, u li kien jifhem daqs avukat. Skond ix-xewqa tal-mejjet Feliċ, il-ġid tiegħu kellu jitqassam hekk: lil Tona l-ġid li kellu mill-għatba ta' daru 'l ġewwa; £300 qud-

dies għal ruħu; u £100 għall-Kaxxa ta' l-Erwieħ; minnhom jitħallsu l-ispejjeż tal-funeral u tad-difna u tal-quddiesa tal-mejtin bil-mużika u kant fil-ġurnata li jindifen. Il-quddies jitqaddes fl-Oratorju ta' San Ġużepp, fil-Knisja ta' Ġieżu—ħmistax-il-quddiesa fix-xahar. Il-flus jittieħdu mill-kapital tal-mejjet, iżda jekk ma jkunx hemm fondi tinbiegħ id-dar li l-mejjet kellu f'ħajtu f'Bur ir-Rhieb. Jekk għeluq is-sitt xhur mill-mewt tiegħu, għal xi raġuni jew oħra, ma jsirx skond ix-xewqat tal-mejjet, il-flus tal-kapital kif ukoll id-dar jaqgħu fuq ħutu—iżda d-dar tibqa' tintiret minn ħutu għal uliedhom u n-nisel tagħhom —bil-patt li ħutu jagħmlulu bi £30 quddies, u l-werrieta ta' warajhom, quddiesa fis-sena għal ruħu fil-ġurnata tal-mewt tiegħu.

Majsi u ibnu Pinu, wara li semgħu lin-nutar igħid illi l-ġid ta' dar il-mejjet sa jaqa' f'idejn il-barranin u flusu kollha għal ruħu, baqgħu bħal miblugħin, u, wara li nqara t-testment kollu, baxxew rashom, u stennew li jibqgħu waħidhom biex jistaqsu lin-nutar x'imisshom sewwa minn dak il-wirt u jserrħu rashom u ras il-werrieta l-oħra. Mastru Salv, ferħan se jtir u bid-daħka f'fommu, ħa b'idejn il-Manifku, iżżiħħajr u talbu jerfagħlu kopja tat-testment. Żewġ it-tfila ta' Tona, bla ma jaf jekk għandux jifraħ jew jagħli, u bla ma fetaħ fommu bewwex 'il barra. Majsi u ibnu, resqu jkellmu lin-Nutar, iżda dan ma seta' jfarraġhom bl-ebda xaqq ta' dawl ieħor, għajr li jfissrilhom li, kif kien hemm miktub ma kellhom ebda jedd għall-wirt ħlief, jekk fi żmien sitt xhur ma jsirux il-quddies għal ruħ il-mejjet, u ma tingħatax il-£100 lil Kaxxa ta' l-Erwieħ, imma wisq fil-bogħod it-tama li r-rota 'l quddiem iddur favur tagħhom ladarba l-mejjet flusu għoġbu jħallihom għal ruħu.

Dawk l-erbgħa minn nies, kif ħarġu minn għand in-nutar, flok ma ltaqgħu u ngħaqdu flimkien biex jitlqu għal darhom fuq xi biċċa inġenji, fettxew li jiskartaw lil xulxin.

Majsi, ma' ibnu Pinu, b'geddum imdendel, mismutin, baqgħu mexjin bla ma jafu fejn imorru, u, fil-waqt li xtaqu jaslu d-dar, ħassew li naqsithom il-ħila jidhru quddiem dawk iż-żewġ nisa li kienu qegħdin fuq ix-xwiek biex ikunu jafu x'messhom u x'ma messhomx mill-ġid li ħalla huhom. F'ħobbhom kellhom kisra ħobż u biċċa ġobon biex jitrejqu, iżda lanqas aptit ma ġiehom; ħarġu barra Putirjal u baqgħu deħlin il-Mall. Malli sabu bank taħt id-dell ta' siġra, qagħdu bilqiegħda, għajnejhom marret bihom, bdew jonogħsu... u x'ħin reġgħu fetħu għajnejhom qagħdu jistennew li jgħaddi xi ftit tal-ħin ieħor biex il-karozza

ġgorrhom lejn darhom. Mastru Salv, li kien miftiehem ma' sensal, biex iġorru miegħu fuq karettun, mar taħt il-loġoġ, iltaqa' u telaq, fil-waqt li żewġ it-tifla ta' Tona, li kien għafsu l-ġuħ daħal f ħanut ta' wara s-suq, ħareġ nofs ħobża mgeżwra f'maktur kbir u wirk ta' fenek moqli, qagħad joftor u jaħseb, jaħseb u joftor, daqqa joħlom bil-ġid li jista' jkun hemm f'dar il-mejjet, li bih jista' jkabbar in-negozju tas-sengħa tiegħu għal wara l-gwerra u jgħaqqad fortuna, u daqqa qalbu ttaqtaq bil-biża' li minn dak li qed jittama ma hemm xejn u hekk jiġri dak li tgħid l-għanja : *Min jitma fit-tama, it-tama tqarraq bih* u kull-ħadd, ħlief Mastru Salv, jibqa' b'xiber imnieħer. Biex iderri u ma jsewwidx qalbu, battal minn quddiemu xi sitt tazzi nbid tat-terz il-waħda.

* * *

Hekk kif għal fil-għaxija wasal Majsi ma' ibnu Pinu, u sab lil martu ma' bintu Wenza, flimkien ma' ħtintu Dolor, u bintha Rożina, fil-kamra ċkejkna bilqiegħda madwar is-senduq, u wara li ħadhom f'rokna u ħabbrilhom b'dak li kien miktub fit-testment tal-mejjet Feliċ, wiċċ in-nisa tbiddel, sar mil-lewn il-qarsa tax-xema', berrqu għajnejhom u bdew iħarsu, bla jitkellmu, f'wiċċ xulxin.

F'dik il-kamra kien hemm ukoll wieħed xiħ minn tal-Fratellanza, li kien qiegħed hemmhekk flok Mastru Salv.

"Dawk il-flus kollha għall-Kaxxa ta' l-Erwieħ u għal ruħu, u jekk ma jkunx hemm flus tinbiegħ id-dar!"; qamet tgħajjat Rożina, bint Dolor, u magħha wkoll Wenza, bint Mananni, li kienu mlew rashom li bil-flus li sa jħalli l-barba Feliċ lil ommhom, u bid-dar li sa jirtu, waħda setgħet tiġbor daqsxejn ta' dota u tħaffef iż-żwieġ u l-għarus ikun jista' jixtri l-għodod u jiftaħ ħanut ta' mastrudaxxa, u l-oħra ssib lil xi ħadd li fl-aħħar jitħajjar jiġborha.

"Hekk hemm miktub," wieġeb Majsi. Dak il-ħin Tona kienet isfel fil-kċina — rasha mistrieħa, għax kien hemm dak ix-xwejjaħ ta' raġel, ħabib ta' Mastru Salv, għassa tas-senduq — tisma' ma' bintha Ċettina, l-aħbar tat-testment minn fomm Bastjan, u għalhekk, Majsi ssokta jgħid u jfiehem lin-nisa b'le-ħen iżjed qawwi : "Hekk hemm miktub...... lin-Nutar kellimtu, u fehemni li għalissa ħut il-mejjet m'għandhom ebda jedd għall-wirt. Hawnhekk m'għandniex għalfejn noqogħdu ma-dwar dan is-senduq, għax mill-għatba 'l ġewwa ma messx lilna — ħallieh lil Tona."

"U lil ħuthom ma ħallieiħom xejn, ħlief xewqa u tama bla temma!", infexxet tgħid Dolor. "X'ilu li rani huwa u ħiereġ mill-Knisja u wegħedni li għandu jiftakar fija u f'Rożina...... mara mingħajr raġel: "Jien ma nsejtkomx, Dolor," qalli. "Iżda lil Tona la ssemmulha xejn." U mhux l-ewwel darba li tani xi ħaġa tal-flus. Kont nistennieh ħiereġ mill-Knisja."

"Dak li qallek ma jgħodd xejn", wieġeb Majsi, li milli jidher kemm dam fis-sengħa ta' barklor, kien ġarrab biżżejjed il-qerq tan-nies tad-dinja fil-wegħdiet tagħhom u sab kemm ma trid tafda lil ħadd, lanqas lil ħutek.

"Inkellmu lill-avukat." qabżet kollha rawgħa f'halqha Wenza, li kienet ilha tħoss l-uġigħat tal-qerq tad-dinja, u ma kienx jonqosha ħlief din id-daqqa ta' ħarta biex tisbel u tfur bħal borma li ilha tbaqbaq.

"Patri Ġerard", qabżet qalet ommha Manannì, "qalli jekk ma jiftakarx fikom u jħalli ġidu l-barranin, qabbdu avukat."

"Għalissa minn flusu ma jimtess xejn" — żiedet tgħid Dolor, li kienet qiegħda tħoss demmha jagħli hija u tisma' lil oħrajn u ġiebet quddiem għajnejha l-kemxa flus li sata' kitbilhom minn dak il-ġid kollu li ħalla, "dak it-testment ġagħluh jagħmlu min ried imexmex... ma jistax ikun li kien f'sessih biex ħalla dawk il-flejjes kollha għal ruħu...... u li tinbiegħ id-dar ukoll...... ebda ħabba ma timtess, għidlu lil Mastru Salv. Iva nqabbdu avukat......"

"Il-lejla stess" qabżet minnufih Manannì, "immorru għand dak li kien joqgħod fil-kantuniera tat-trieq tagħna, żewġ is-Sinjura Sika... qiegħed hawn fuq, it-trieq ta' Santu Wistin."

Hekk kif Manannì temmet dawn il-kelmiet deher Mastru Salv, flimkien ma' Tona u bintha Ċettina, ma' żewġha Bastjan. Waqgħet ħemda. Mastru Salv fetaħ fommu u qal li ġie biex iwettaq dak li kien hemm miktub fit-testment tal-mejjet. In-nisa ħabtu sa jitħu fommhom, iżda Majsi resaq lejn martu, għemeż lin-nisa l-oħra fil-waqt li giddem ix-xoffa ta' taħt u berraq għajnejh biex ma jitniffsux. Mastru Salv fiehem li għalkemm il-mejjet mill-għatba tad-dar 'il ġewwa ħallieh lil Tona, kien jinħtieġ li jinfetaħ is-senduq biex wieħed jara jekk ħalliex xi karti jew ħwejjeġ oħra li ma jagħmlux mal-ħwejjeġ tad-dar.

Ħadd ma tniffes u kulħadd deher li fehem li Mastru Salv kellu raġun. Is-senduq infetaħ — iżda kulħadd, u l-aktar li baqgħu mqarrqin kienet l-ewwelnett Tona, u mbagħad Mastru

Salv. Kulma kien fih is-senduq kienu l-qalziet u l-ġlekk tal-bellus li Felic kien jilbes meta kien ibaħħar minn Tunes għal Malta bil-bhejjem, par stvali, ċinetta ħamra ċar bil-ġummiena lewn aħmar dagħmi, arloġġ tal--but tan-nikel b'katina ħoxna tal-metall abjad, karabina, sawt tal-ġild mibrum, stallett imsaddad ġewwa għant tal-ġild, nofs tużżana mkatar kbar imżewqin, tnejn minnhom tal-ħarir, u żewġ trieħi, waħda ħamra u l-oħra kaħla, kaxxetta b'żewġ ċrieket kbar tal-metall abjad u b'ħafna ħbub tar-Reġina Vitor u dendul ta' arloġġ bil-qrun tal-għadam u tal-qroll u bl-id ta' Fatma tal-metall, u f'qiegħ is-senduq, marbutin bi spag oħxon, qabda karti, titoli Russi ta' żmien il-Gwerra l-Kbira, oħrajn tar-Rumanija, ktieb ta' l-irċevuti, ktieb tal-Bank Franċiż b'kapital ta' £300 u b'xi mgħax li baqgħu ma nġabrux, ċedula u kopja ta' kuntratt fejn il-mejjet kien jidher li kellu sehem f'miniera tas-sulfat f'idejn kumpanija Franċiża fl-inħawi tal-Hamat, f'Tunes, u li minnha, mindu Franza waqgħet f'idejn il-għadu, Felic ma baqa' jieħu ebda profitti ta' qligħ.

Mastru Salv ġabar il-ktieb ta' l-irċevuti, iċ-ċedula, il-kopja tal-kuntratt tal-miniera tas-sulfat u karti oħra sakemm issir il-qasma. Bla ma tkellmu u b'ħafna sefsif fil-widnejn il-qraba tal-mejjet telqu mid-dar u ħallew lil Mastru Salv ipaċpaċ ma' Tona u bintha. Iżda huma u neżlin it-taraġ instama' bħal tgergir u n-nisa jgħajtu "Jeħtieġ narawha... għax dak kellu l-flus id-dar... lanqas sold biex jitkeffen u jindifen... misruq f'ħajtu u misruq f'mewtu... iżda Alla jaf x'inhu jagħmel... u fl-aħħar nieħdu li ħaqqna!"

*(Jissokta)*